**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/135/19/S

Lawrence Aquilina
Vs
Air Malta plc

Illum 1 t'Ottubru,2020.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Lawrence Aquilina pprezentata fis-7 t'Ottubru,2019 u r-risposta tas-socjeta Air Malta plc ipprezentata fit-30 t'Ottubru,2019;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni fis-seduta tal-21 ta'Novembru,2019;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment waqt titjira fejn sehhet b'ajruplan mhux tas-socjeta intimata ghax kien gralu l-hsara u nkera ajruplan bil-'crew' b'kollox biex issir din it-titjia;

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima "*incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat*" (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited' moghtija fit-13 ta'Jannar,1999);

Illi l-obbligu tal-prova tinkombi dejjem lil min jallega[1] u dan skont l-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi dan hu element importanti hafna fil-kamp civili u min irid jiddeciedi, irid jaghmel dan a bazi tal-provi imressqa;

[1] Ara ukoll sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (151/05SM) fid-19 ta'Jannar,2011 fl-ismijiet "Martin Degabriele vs Melanie Borg"

Illi jinghad mal-ewwel li din kienet emergenza fejn ajruplan gralu l-hsara u s-socjeta intimata kellha tikri ajruplan biex taghmel it-titjira in kwistjoni;

Illi ghalkemm dak allegat mir-rikorrenti gie kontestat mis-socjeta intimata, jidher li r-rikorrent sofra certu inkonvenjent li ghalih kienet responsabbli s-socjeta intimata;

Illi mill-provi mressqa quddiem dan it-Tribunal, jidher bic-car li l-inkonvenjent ma kiex wiehed kbir u fic-cirkostanzi, sar dak kollu possibbli biex dan jittaffa;

Illi veru li z-zmien kien wiehed fejn mhux se ssib ajruplan iehor kif gib u lahaq pero din kienet problema li s-socjeta kellha ssolvi;

Illi jidher bic-car li r-rikorrenti huwa intitolat ghal kumpens li ghandu jirrifletti l-inkonvenjent ippruvat u sostnut mill-istess rikorrenti;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Lawrence Aquilina filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Air Malta plc u Jordna lis-socjeta Air Malta plc thallas lil Lawrence Aquilina is-somma ta' €50.00 stabbilita *ex aequo et bono*, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru